MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 318/2002/1

**Jesmond Farrugia**

**Vs**

**Paul Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jersaq ghal likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni kkagunati mill-konvenut stante incident awtomobilistiku li sehh fit-8 ta' Jannar 2002 fis-6.15pm f'Pinto Wharf, Floriana meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura Tug Master bin-numru ta' registrazzjoni DBC 962 u l-attur Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni JES 024, liema incident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku (Dok A).

Bl-ispejjez u l-imghax. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ai fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi d-danni ma jeccedux il-Lm2,500.

Rat ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz (fol 2 sa fol 5 tal-atti).

Rat dak verbalizzat a fol 18 tal-istess atti kif ukoll ir-riferta a fol 17 "a tergo".

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut avolja notifikat skond il-ligi, bl-avviz in esami, bl-ebda mod ma kkontesta t-talbiet attrici.

Illi, da parti tal-istess attur, oltre li esebixxa kopja tar-raport tal-Pulizija kif ukoll kopja tal-iskizz (fol 2 sa fol 5 ibid) xehed hu stess kif ukoll ipproduca, bhala xhud, Jesmond Mackay.

Illi, mill-imsemmija provi, jidher li l-karozza appartenenti lill-attur u li hi tal-marka Peugeot 106 bin-numru JES 024, garrbet hsarat konsiderevoli u tista' tigi konsiderata bhala "beyond economical repair". Inoltre bhala valur, jidher mill-istess provi li l-istess karozza kellha wiehed ammontanti ghal Lm2400.

Illi, ghalhekk, tenut kont ta' nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenut, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in esami minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.

2. tillikwida l-ammont ta‘ danni fl-ammont ta’ Lm2400.00,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm2400.00,0 bl-imghax legali mill-15 ta’ Mejju 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------